

32003R2257

23.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 336/6

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2257/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-25 ta' Novembru 2003**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni
tal-forza tax-xogħol fil-Komunità biex tkun addattata l-lista tal-karatteristiċi ta' l-istħarriġ**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 285 fih imsemmi,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol għandu jsir skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 577/98 ⁽²⁾ għandu jkopri b'mod adegwat aspetti ġodda u li qed jitfaċ-ċaw reċentement tas-suq tax-xogħol.
- (2) Skond l-aġenda tal-politika soċjali Ewropea adottata mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza f'Diċembru 2000, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/177/KE tat-18 ta' Frar 2002 fuq il-prinċipji ta' azzjoni għall-politika ta' l-impjeg ta' l-Istati Membri għas-sena 2002 ⁽³⁾ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/549/KE tal-21 ta' Ġunju 2002 fuq il-prinċipji ta' azzjoni ġenerali tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u l-Komunità ⁽⁴⁾, il-mod li fih ix-xogħol hu organizzat għandu jkun adattat għall-bżonnijiet kemm tan-geozji kif ukoll ta' l-individwi.
- (3) Il-karatteristiċi ta' l-istħarriġ stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru. 577/98 kienu determinati skond il-bżonnijiet statistiċi u s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol prevalenti fil-mument.
- (4) Il-ġbir ta' l-informazzjoni m'għandux jimponi piż fuq dawk li jirrispondu li hu sproporzjonat mar-riżultati li dawk li jużaw l-istħarriġ jistgħu raġonevolment jistennew.
- (5) Il-Kumitat għall-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru. 89/382/KEE, Euratom tad-19 ta' Ġunju 1989 ⁽⁵⁾ ġie kkonsultat mill-Kummissjoni.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru. 577/98 għandu għalhekk jiġi emendat kif mitlub miċ-ċirkostanzi,

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Settembru 2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali); Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003.

⁽²⁾ ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, pġ. 3. Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2104/2002 (ĠU L 324, tad-29.11.2002, pġ. 14).

⁽³⁾ ĠU L 60, ta' l-1.3.2002, pġ. 60.

⁽⁴⁾ ĠU L 182, tal-11.7.2002, pġ. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, pġ. 47.

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru. 577/98 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Il-punti (b), (ċ), (d) u (g) tal-paragrafu 1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) L-istatus tax-xogħol:

- L-istatus tax-xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza,
- jibqgħu jiġu riċevuti l-pagi u s-salarji,
- raġuni għaliex ma ħadmux allavolja kellhom impjeg,
- tfittxija għal impjeg għal persuna mingħajr impjeg,
- tip ta' impjeg imfittex (għal rashom jew impjegati),
- metodi użati biex jinstab impjeg,
- jekk għandhomx x'iżommhom biex jibdew ix-xogħol;

(ċ) karatteristiċi ta' l-impjeg tax-xogħol prinċipali:

- L-istatus professjonali,
- attività ekonomika taċ-ċentru lokali,
- xogħol,
- responsabbiltajiet ta' sorveljanza,
- numru ta' persuni li jaħdmu fiċ-ċentru lokali,
- pajjiż tal-post tax-xogħol,
- reġjun tal-post tax-xogħol,
- sena u xahar meta l-persuna bdiet taħdem fl-impjeg attwali,
- involviment tas-servizz pubbliku għall-impjeg biex jinstab l-impjeg attwali,
- permanenza ta' l-impjeg (u raġunijiet),
- dewmien ta' l-impjeg temporanju jew kuntratt ta' impjeg ta' dewmien limitat,
- distinzjoni bejn *full-time* u *part-time* (u raġunijiet),
- appalt ma' aġenzija ta' l-impjegi temporanji,
- xogħol mid-dar;

(d) sigħat maħduma:

- numru ta' sigħat fil-ġimgħa li s-soltu jinħadmu,
- numru ta' sigħat fil-fatt maħduma,
- numru ta' sigħat ta' sahra fil-ġimgħa ta' referenza,
- raġuni għaliex is-sigħat fil-fatt maħduma huma differenti mis-sigħat tas-soltu; ”

“(g) tfittxija għal impjieg:

- tip ta' impjieg imfittex,
- dewmien tat-tfittxija għal impjieg,
- sitwazzjoni tal-persuna eżatt qabel ma tibda tfittex impjieg,
- reġistrazzjoni fl-uffiċċju pubbliku għall-impjieg u jekk hux qed jiġu riċevuti xi benefiċċji,
- għal persuna li mhix qed tfittex impjieg, rieda li taħdem,
- raġunijiet għaliex il-persuna ma fittxix impjieg,
- nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura.”

2. Il-punt li ġej hu miżjud mal-paragrafu 1:

“(n) ħinijiet tax-xogħol mhux tas-soltu:

- xogħol bix-xift,
- xogħol ta' filgħaxija,
- xogħol ta' bil-lejl,
- xogħol ta' nhar ta' Sibb,
- xogħol ta' nhar ta' Ħadd.”

3. Fil-paragrafu 2, it-tielet inċiż hu sostitwit b'dan li ġej:

“— il-volum ta' modulu *ad hoc* għandu jkun limitat għal 11-il varjabbli.”

4. Il-paragrafu li ġej għandu jinżied:

“4. Fuq proposta mill-Kummissjoni, lista ta' varjabbli, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'varjabbli strutturali', tista' tkun identifikata minn fost il-karatteristiċi ta' l-istħarriġ speċifikati fil-paragrafu 1 li għandhom jiġu mistħarrġa biss bħala medji annwali b'referenza għal 52 ġimgħa pjuttost milli medji ta' kull kwart ta' sena. Din il-lista ta' varjabbli strutturali, il-qies minimu tal-kampjun u l-frekwenza ta' l-istħarriġ ser ikunu mfasslin skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. Spanja, il-Finlandja u r-Renju Unit jistgħu jistħarrġu l-varjabbli strutturali b'referenza għal kwart wieħed ta' sena matul perjodu ta' transizzjoni sat-tmien ta' l-2007.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Novembru 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

L. MORATTI